**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 73**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 28 ta' Novembru 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

73.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

73.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier

Nazju Cassar u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

73.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stephen Borg u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**73.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 73**

73.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 73 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 73

**73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

73.3.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li skont kif tipprovdi l-liġi tal-Kunsilli Lokali fi ftit tal-ġimgħat oħra trid issir il-laqgħa annwali tal-lokalità u għaldaqstant kien hemm qbil li din il-laqgħa tinżamm nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

73.3.2 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1292/17**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillier Paul Grech u tal-Kunsillier Rudolf Grima ma jiġux dikjarati vakanti.

Attendenza tal-Kunsillieri

73.3.3 Is-Sindku informa l-laqgħa u għamel referenza għall-korrispondenza numru **50/1249/17** mibgħuta mill-Għaqda Żgħażagħ Rabtin Pawlini, fejn infurmaw lill-Kunsill li ma kinux qed jaċċettaw l-offerta tal-Kunsill għal armar tat-toroq fi żmien il-Milied. Huwa informa l-laqgħa li l-Arċikonfraternità ta' San Anton Abbati u Madonna taċ-Ċintura u l-Komunità Franġiskani Konventwali ma kinux wieġbu għall-offerta mibgħuta lilhom mill-Kunsill.

Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li jinstab kuntrattur sabiex jarma t-toroq fin-nuqqas ta' l-imsemmija għaqdiet u li mis-sena d-dieħla tibda tinħareġ sejħa għall-offerti. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

73.3.4 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1239/17**, is-Sindku informa il-laqgħa li l-Kunsill kien intalab jagħmel kjarifikazzjonijiet għal applikazzjoni mitfugħa taħt Miżura 4.3.

Kjarifikazzjonijiet Miżura 4.3

**73.4 Għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Handyman* – RLC/T/0162/17**

73.4.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Doris Coleiro, issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0162/17 tingħata lill-offerent Paul Tanti, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kollha mitluba.

Għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Handyman* – RLC/T/0162/17

**73.5 Għażla tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/T/0163/17**

73.5.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Ian Vassallo, issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro, il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0163/17 tingħata lill-offerent Melchior Dimech, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kollha mitluba.

Għażla tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/T/0163/17

**73.6 Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager* – RLC/T/0152/15**

73.6.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0152/15 għall-provvediment ta' servizzi ta' Perit *u Contract Manager* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager* – RLC/T/0152/15

**73.7 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq, Tbattil u Tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* – RLC/T/0155/16**

73.7.1 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport imħejji mill-kuntrattur *Premier Business Ltd* b'referenza numru **50/1238/17**.

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li la l-Kunsill qabel mal-kontinut tar-rapport imħejji mill-kuntrattur l-offerta RLC/T/0155/16 tal-knis manwali tat-toroq, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* għandha tiġi mġedda għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq, Tbattil u Tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* – RLC/T/0155/16

**73.8 Ħruġ tal-offerta għal Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku**

73.8.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għal xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sinjali tat-toroq u t-tabelli tat-traffiku. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għal Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku

**73.9 Ħruġ tal-offerta għal Ġbir ta' Skart Goff**

73.9.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart goff. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għal Ġbir ta' Skart Goff

**73.10 Ħruġ tal-offerta għal Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat)**

73.10.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għal qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat). Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għal Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat)

**73.11 Ħruġ tal-offerta għal Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija)**

73.11.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jekk il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija jaqbel, tinħareġ sejħa waħda għall-offerti għal qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) u (Rabat). Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħrug tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija)

**73.12 Riżenja tal-impjegata s-Sra. Victoria Privitera**

73.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra ta' riżenja tal-impjegata tal-Kunsill, is-Sra. Victoria Privitera.

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jiskatta l-proċess biex il-vakanza maħluqa permezz ta' din ir-riżenja jibda minnufih u tiġi ingaġġata persuna fi skala 13. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sra. Victoria Privitera għall-impenn li wriet tul l-impjieg tagħha mal-Kunsill.

Riżenja tal-impjegata s-Sra. Victoria Privitera

**73.13 Parkeġġ fi Triq il-Kbira**

73.13.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1261/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal tneħħija ta' *parking bays* fi Triq il-Kbira.

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba u minflok isir double yellow line. Is-Sindku Charles Azzopardi issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Parkeġġ fi Triq il-Kbira

**73.14 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru 38**

73.14.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, seduta numru 38 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Rudolf Grima issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-

minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Virtù – Seduta numru 38

**73.15 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

73.15.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 275 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 275

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fit-8.30 ta' filgħaxija.

**73.16 Mozzjoni 00015/17 – 'Mozzjoni biex jitwaħħlu l-ħames bozoz li jmiss fuq ir-registru ta' bozoz approvati'**

73.16.1 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona mozzjoni numru 00015/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi. Mozzjoni 00015/17 – 'Mozzjoni biex jitwaħħlu l-ħames bozoz li jmiss fuq ir-registru ta' bozoz approvati'

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

**73.17 Mozzjoni 00016/17 – 'Mozzjoni sabiex titranġa il-bankina fi Triq Sant Agata'**

73.17.1 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona mozzjoni numru 00016/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi. Mozzjoni 00016/17 – 'Mozzjoni sabiex titranġa l-bankina fi Triq Sant'Agata'

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

**73.18 Mozzjoni 00017/17 – 'Mozzjoni biex titranġa l-bankina fi Triq Ferris'**

73.18.1 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona mozzjoni numru 00017/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi. Mozzjoni 00017/17 – 'Mozzjoni biex titranġa il-bankina fi Triq Ferris'

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

**73.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

73.19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija. Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

73.19.2 Il-laqgħa ntemmet fid-8.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................. ........... ta'......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |